MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 2748/1997/1

**Mario u Pearl konjugi Coleiro**

**vs**

**Coleiro Auto Parts Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi in forza ta` erba (4) kuntratti fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit, liema kuntratti jgiebu d-dati tas-sitta u ghoxrin ta` Settembru tas-sena elf disa mija u erba u tmenin (26/09/1984), tas-sitta u ghoxrin ta` Settembru tas-sena elf disa mija u hamsa u tmenin (26/09/1985), tat-tmintax ta` April tas-sena elf disa mija u disghin (18/04/1990), u iehor tat-tmintax ta` April tas-sena elf disa

mija u disghin (18/04/1990) il-Mid-Med Bank Limited kien tat facilita` tat-tip “overdraft/loan” lis-Socjeta` konvenuta Coleiro Auto Parts Limited fl-ammonti ta `hmistax il-elf lira maltija (Lm15,000), hmistax il-elf lira maltija (Lm15,000), ghaxart elef lira maltija (Lm10,000), u tmint elef u hames mitt lira maltija (Lm8,500) rispettivament, liema ammonti kienu gew garantiti “in solidum” mill-istanti Mario Coleiro zewg l-istanti Pearl Coleiro, u minn John Coleiro, it-tnejn personalment.

Illi l-Mid-Med Bank Limited avvanza lis-Socjeta` konvenuta Coleiro Auto Parts Limited l-imsemmija ammonti u d-dejn totali dovut lill-Bank, inkluz l-imghaxijiet li akkumulaw, telgha ghall-bilanc ta` tnejn u sittin elf u erba mitt lira maltija (Lm62400).

Illi l-Mid-Med Bank Limited talab ir-rifuzjoni tal-“overdraft/loans” avvanzati lis-Socjeta` konvenuta.

Illi minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta l-istanti spiccaw biex kellhom ibieghu id-dar matrimonjali taghhom “Arcadia”, Triq il-Kejla, tal-L-Ibragg, St Andrews, biex jissodisfaw il-kreditu tal-Bank, u b`kuntratt tad-dstax ta` Awissu tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (19/08/1997) in atti Nutar Marco Burlo, (kopja ta` liema att tinsab hawn unita u mmarkata Dok. “A”) hallsu lill-Mid-Med Bank Limited is-somma ta` Lm62400 u dana ghas-saldu tad-dejn, u simultaneament ma` l-istess hlas il-Bank issurroga lill-istanti fid-drittijiet tieghu kollha nkluzi d-drittijiet ipotekarji li kellu.

Illi l-imsemmi ammont ta` Lm62,400 huwa cert, likwidu, u dovut, u l-istanti halfu dan b`affidavit hawn unit u markat Dok. “B” u li kif ukoll fil-fehma taghhom is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet taghhom.

Illi nonostante li l-istanti debitament interpellaw lis-socjeta` konvenuta b`ittra ufficjali tal-hmistax ta` ottubru tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (15/10/1997) (kopja ta` liema tinsab hawn unita Dok “C”) din baqghet inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi qed jitobu li din il-Qoprti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta` l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi l-imsemmija somma ta` tnjen u sittin elf u erba mitt lira maltija (Lm62400) rapprezentanti ghad-debitu ta` "overdraft/loan accounts" tal-istess socejta` konvenuta mal-Mid-Med Bank Limited u ghall-liema hallsu l-atturi skond il-kuntratt tad-19 ta` Awissu 1997 (Dok. "A") u kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-15 ta` Ottubru 1997 u bl-imghax legali mid-19 ta` Awissu 1997 id-data tal-kuntratt imsemmi kontra s-Socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit tal-atturi Mario u Pearl konjugi Coleiro.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit:-

1. Illi l-impostazzjoni tac-citazzjoni hija illi s-socjeta` konvenuta kienet garanti "in solidum" mal-atturi Mario Coleiro u Pearl Coleiro flimkien ma John Coleiro u allura martu Phyllis Coleiro mentri s-sottomissjoni tal-socjeta' konvenuita hi li s-socjeta` konveuta u Mario u Pearl konjugi Coleiro u John u Phyllis konjugi Coleiro kienu kollha ko-debituri "in solidum", konsegwentement iridu jigu interpretati flimkien il-principji relativi ghall-garanzija solidali, ghas-surrogazjzoni u ghas-solidarjeta passive u f'dan il-kuntest, l-eccipjenti qed tirriserva ili tesponi kull sottomissjoni li tohrog mil-ligi, gurisprudenza u dottrina dwar l-interapplikazzjoni ta` dawn il-principji.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, l-atturi ghandhom jiccaraw liema azzjoni qed jesercitaw, hux dik tal-kreditur kontra d-debitur principali jew kontra l-garanti jew ta` ko-garanti kontra ko-garanti iehor u dan ghaliex

filwaqt illi hemm ghadd ta` principji komuni, japplikaw ukoll xi principji differenti u fid-dawl ta` din il-kjaritura, l-esponent jirreserva li jeccepixxi ulterjorment;

3. Illi konsegwentement l-eccezzjoni tal-konvenuti – salva dejjem il-verifika tal-ammont u salva il-pretensjoni tas-socjeta` avanzata permezz tal-kontrotalba, - hija illi huwa applikabbli l-principju sancit fl-art 1107 tal-Kodici Civili u cioe` illi "l-ko-debitur li jhallas id-dejn ma jistax jitlob minghand l-ohrajn hlief is-sehem ta` kull wiehed minnhom bl-imghax, minn dak in-nhar tal-hlas allavolja jkun hemm cessjoni ta` jeddijiet." Illi konsegwentement id-debitu pretiz ghandu jigi spartit bejn iz-zewg litiganti u cioe` il-kkonjugi Mario u Pearl Coleiro u s-socjeta` konvenuta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, qed tinghata l-eccezzjoni ukoll illi jista` jirrizulta illi s-socjeta` eccipjenti hija jew f`xi mument kienet insolvibbli a tenur ta` l-art 1107(2) tal-Kodici Civili u ghalhekk in-nuqqas ta` solvibilita` taghha ghandu jigi sopportat mid-debituri kollha solvibbli kompriz dak li jkun ghamel il-hlas.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-kontrotalba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta fejn gie premess:-

1. Illi l-konvenut Mario Coleiro kien kif ghadu sallum direttur tas-socjeta` konvenuta Coleiro Autoparts Limited u kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza huwa ghamel atti u ommissjonijiet ta` malamministrazzjoni li rrendewh responsabbli lejn is-socjeta`. F`dan iz-zmien huwa kien mizzewweg u mhux separat minn ma Pearl Coleiro.

2. Illi l-konvenut Mario Coleiro kien kif ghadu sallum direttur tas-socjeta konvenuta u illi kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza minn xi zmien cirka disgha snin ilu ma baqghax jattendi u jizvolgi l-mansjonijiet u karigi ta` Direttur u minhabba dan l-abbandun tad-dover ikkawza

danni lis-socjeta` esponenti; fil-parti l-kbira ta` dan iz-zmien huwa kien mizzewweg  u mhux separat minn ma` Pearl Coleiro.

3. Illi ghal diversi snin waqt il-proceduri ta` separazzjoni, l-attrici Pearl Coleiro talbet u ottjeniet il-hrug ta` ordni kontra s-socjeta` kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza fejn l-effett ta` din l-ordni kien illi effettivament ifixkel l-andament tan-negozju bil-konsegwenza illi kemm f`telf dirett kif ukoll f’telf ta` qligh, is-socjeta` esponenti sofriet id-danni ghal snin twal li effettivament ipparalizzaw l-andament tal-kumpanija u l-pagamenti li kienet f`posizzjoni li taghmel.

Ghalhekk is-socjeta’ konvenuta qed titlob li jigi dikjarat u deciz li l-atturi, jew min minnhom, minhabba l-agir u jew l-ommisjonijiet taghhom ikkawzaw danni lis-socjeta` esponenti, li jigu likwidati d-danni hekk ikkawzati u li l-atturi, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ konvenuta d-danni hekk likwidati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta annessa mal-kontrotalba rikonvenjonali taghha debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontrotalba rikonvenzjoni tas-socjeta` konvenuta fejn gie sottomess:-

1. Illi l-azzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma preskritti a tenur ta` l-Artikolu 2153 ta` l-Kodici Civli.

2. Illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes billi fl-ebda hin u bl-ebda mod l-atturi, jew min minnhom ma kkawzaw xi danni lis-socjeta` konvenuta.

3. Illi l-attur Mario Coleiro kien (u ghadu) ma jiflahx b`mod illi anke kieku kien il-kaz illi l-assenza tieghu mill-kumpanija kienet materjalment kagun ta` xi danni lis-socjeta` konvenuta, ma taghtix lok ghall-obbligu ta` risarciment billi l-mard ma huwiex meqjus fil-ligi bhala att kolpuz.

4. Illi, inoltre, l-assenza ta` l-istess attur Mario Coleiro certament ma kkawzat ebda danni lill-kumpanija, salv possibilment xi danni illi minnhom ibbenifika id-direttur l-iehor John Coleiro.

5. Illi l-attrici Pearl Coleiro ma kkawzat ebda danni lis-socjeta` konvenuta u ma tifhemx kif, bil-presentata ta` mandat illi rrestringa l-bejgh ta` l-azzjonijiet ta` zewgha fis-socjeta` konvenuta minghajr il-kunsens taghha – haga illi del resto ilha pprojbita ex lege u minghajr htiega ta` ordnijiet appoziti minn Dicembru tas-sena 1993 – jista` qatt jinghad illi kkawzat danni fis-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjrazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta’ konvenuta.

Semghet ix-xhud prodott mill-atturi.

Rat l-affidavits taz-zewg atturi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi, konjugi Coleiro, jippremettu li s-socjeta’ konvenuta, Coleiro Auto Parts Limited, permezz ta’ erba (4) kuntratti, kienet inghatat facilitajiet bnankarji mill-Mid-Med Bank fi forma ta’ “overdraft/loan” f’ammont komplessiv ta’ Lm48500 u l-hlas lura tal-imsemmi ammont, oltre l-imgax relattiv, kien gie garantit kemm mill-atturi kif ukoll minn hu l-attur u l-mara tieghu “in solidum” bejnithom mad-debitur principali cioe’ mas-socjeta’ konvenuta. L-imsemmi bank talab minghand is-socjeta’ konvenuta il-hlas lura tal-kapital u tal-imghax relattiv ghall-imsemmija facilitajiet. F’dan ir-rigward l-

ammont kollu mitlub kien ta’ tnejn u sittin elf u erba mitt lira maltija (Lm62400). Is-socjeta’ konvenuta pero’ naqset li thallas u ghalhekk il-Bank dar fuq l-atturi li spiccaw biex kellhom ibieghu id-dar matrimonjali taghhom biex ikunu jistghu jissodisfaw il-kreditu tal-Bank, u ghalhekk b`kuntratt tad-dstax ta` Awissu tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (19/08/1997) in atti Nutar Marco Burlo l-atturi hallsu lill-Bank l-imsemmija somma ta` Lm62400 ghas-saldu u fl-istess hin l-istess Bank issurroga lill-atturi fid-drittijiet kollha tieghu nkluzi d-drittijiet ipotekarji li kellu.

L-atturi interpellaw lis-socjeta’ konvenuta biex thallas l-imsemmi ammont pero’ din baqghat inaempienti u ghalhekk gew inizjati dawn il-proceduri fejn l-atturi qed jitolbu li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta` tnjen u sittin elf u erba mitt lira maltija (Lm62400) cioe’ s-somma mhallsa mill-atturi lill-Bank, liema ammont kien dovut mis-socjeta’ konvenuta in vista tal-facilitajiet bankarji ottjenuti mill-istess socjeta’. L-atturi kienu hallsu l-imsemmija somma fil-vesti taghhom ta’ garanti solidali mal-istess socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li l-atturi in effett kienu ko-debituri “in solidum” u ghalhekk iridu jigu interpretati flimkien il-principji relativi ghall-garanzija solidali, ghas-surrogazjzoni u ghas-solidarjeta passiva u li l-atturi ghandhom jiccaraw liema azzjoni qed jesercitaw. Skond is-socjeta’ konvenuta hawnhekk hu applikabbli l-principju sancit fl-art 1107 tal-Kodici Civili u kwindi d-debitu mal-Bank ghandu jigi spartit bejn iz-zewg litiganti. Fl-ahhar nett is-socjeta’ konvenuta tissottometti li jista` jirrizulta li s-socjeta` konvenuta hi jew f`xi mument kienet insolvibbli a tenur ta` l-art 1107(2) tal-Kodici Civili u ghalhekk dan il-fatt ghandu jigi sopportat mid-debituri kollha li huma solvibbli.

Is-socjeta’ konvenuta approfittat ruhha mic-citazzjoni tal-atturi u ssottomettiet kontrotalba rikonvenzjonali fejn ipremettiet li l-attur Mario Coleiro kien u ghad ghadu direttur tas-socjeta` konvenuta u l-attur kien irenda ruhhu hati ta’ malamministrazzjoni li kwindi kien responsabbli lejn is-socjeta`konvenuta peress li minn hafna snin qabel

huwa ma baqghax jattendi u jizvolgi l-mansjonijiet ta` direttur. Skond os-socjeta’ konvenuta minhabba dan l-abbandun tad-dover minn naha tal-attur gew ikkawzati danni lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta tippremetti ukoll li l-attrici Pearl Coleiro kienet ottjeniet il-hrug ta` ordni kontra s-socjeta` konvenuta li biha l-attrici fixklet l-andament tan-negozju tal-istess socjeta’ bil-konsegwenza ta’ telf ta` qligh u b’hekk ukoll is-socjeta` konvenuita sofriet danni.

Ghalhekk is-socjeta’ fil-kontro talba taghha talbet li jigi dikjarat u deciz li l-atturi, jew min minnhom, ikkawzawlha danni, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-atturi, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati.

L-atturi, ghal din il-kontro-talba qed jeccepixxu li din l-azzjonij tas-socjeta` konvenuta hi preskritta a tenur ta` l-Artikolu 2153 ta` l-Kodici Civli u li fl-ebda hin u bl-ebda mod huma’, jew min minnhom, ma kkawzaw danni lis-socjeta` konvenuta. Inoltre l-attur Mario Coleiro wahdu eccepixxa li huwa kien u ghadu ma jiflahx u kwindi, anke kieku jirrizulta li l-assenza tieghu kkagunat xi danni lis-socjeta` konvenuta, m’hemmx lok ta’ risarciment billi l-mard mhux att kolpuz u inoltre l-assenza tieghu ma kkawzat ebda danni lill-kumpanija. L-attrici tissottometti ukoll li ma tifhimx kif bil-presentata ta` mandat illi rrestringa l-bejgh ta` l-azzjonijiet li zewgha kellu fis-socjeta` konvenuta jista` qatt jinghad li kkawza danni lis-socjeta` konvenuta.

## Fatti risultanti

Mill-erba (4) kuntratti esibiti (fol 70 sa’ fol 91) jirrizulta li l-Mid Med Bank ikkonceda lis-socjeta’ konvenuta Coleiro Auto Parts Limited facilita ta’ overdraft u facilitajiet ohra bankarji. Jirrizulta li l-attur Mario Coleiro, fuq dawn il-kuntratti deher biss bhala ‘surety’ jew ahjar bhala garanti in solidum. Dan jirrizulta ukoll mill-“guarantee forms” (fol 126 sa’ 133). Kwindi gie ippruvat illi l-atturi kienu biss garanti u mhux ko-debituri, kif qed tippretendi s-socjeta’ konvenuta. Peress li s-socjeta’ kovenuta naqset li thallas lura l-kapital li sselfet oltre l-imghax relattiv meta giet

interplellata biex taghmel hekk, da parti taghhom l-atturi bhala garanti in solidum issodisfaw u hallsu l-kreditu. In effett l-atturi irnexxielhom jippruvaw li sar dan il-pagament u dan billi gie esibit il-kuntratt relattiv (fol 5). In effett jirrizulta li permezz ta' dan il-kuntratt l-atturi bieghu id-dar konjugali taghhom u bil-rikavat hallsu lil Bank is-somma ta' Lm62400 ghas-saldu tad-dejn li s-socjeta' konvenuta bhala debitur principali kella mal-Bank.

**Konsiderazzjonijiet legali rigwardanti t-talbiet attrici**

L-artikolu 1942(1) tal-Kodici Civili jistipula l-garanti, li jkun hallas, ghandu jedd idur kontra d-debitur principali, sew jekk il-garanzija tkun inghatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun inghatat minghajr dan ma kien jaf u dan ighodd sew ghall-kapital kif ukoll ghall-imghaxijiet.

Galadarba l-atturi irnexxielhom jippruvaw it-talbiet taghhom u cioe' li huma kienu garanti u li ghamlu l-pagament, din l-azzjoni u t-talbiet tal-atturi, skond l-imsemmi artikolu 1942 ghandhom jigu akkolti. Is-socjeta konvenuta da parti taghha tecepixxi ukoll li ghandhom japplikaw il-provedimenti tal-artikolu 1107 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jistipula li l-kondebitur li jhallas id-dejn in solidum kollu, ma jistax jitlob minghand l-ohrajn hlief is-sehem ta' kull wiehed minnhom bl-imghax minn dak in-nhar tal-hlas. Inoltre jipprovdi li jekk wiehed mid-debituri l-ohra ma jkunx solvibbli, it-telf li ggib dik l-insolvenza jitqassam bejn id-debituri l-ohra kollha solvibbli. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li, kif gia gie accennat, l-atturi mhumiex debituri in solidum kif qed tallega s-socjeta konvenuta, imma kif gia spjegat huma garanti in solidum u din hija kawza mill-garanti in solidum kontra d-debitur principali. Kwindi, stante illi l-atturi huma garanti, u mhux ko–debituri, japplika l-artikolu 1942 u mhux l-artikolu 1107. Ghalhekk ukoll ghandhom jigu michuda l-eccezzjonijeit kollha tas-socjeta konvenuta.

In vista tal-premess, ghar-rigward tat-talbiet tal-atturi, ghandhom jigu rigettati l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, u fl-istess hin it-talbiet kollha attrici jimmeritaw li jigu akkolti.

**Kontro-talba**

Kwantu ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, ghandu jgi ribadit li l-istess socjeta konvenuta qieghda tfittex lill-attur, bhala direttur tal-istess socjeta konvenuta, ghad-danni in vista tal-allegata malamministrazzjoni tieghu in kwantu huwa ma kompliex jattendi ix-xoghol u abbanduna d-doveri tieghu. Is-socjeta' konvenuta qed ticcita ukoll lill-attrici Pearl Coleiro ghad-danni peress li qed tallega li sofriet danni minhabba l-agir tal-istess attrici meta ottjeniet mill-Qorti kompetenti ordni kontra taghha li, skond is-socjeta konvenuta, fixklet in-negozju gestit mill-istess socjeta attrici. Ghall-kontro-taloba tas-socjeta' attrici l-atturi eccipew preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn.

**Konsiderazzjonijiet legali dwar il-Kontro talba u l-eccezzjoni preliminari relattiva ghal-istess kontro-talba**

L-imsemmija eccezzjoni tal-atturi dwar il-preskrizzjoni hi bbazata fuq il-provedimenti tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jipprovdi li azzjoni ghall-hlas ta' danni jew hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Sabiex jigi determinat meta ghandhom jibdew jiddekorru s-sentejn fil-kawza odjerna trid issir riferenza ghall-Art. 2137 tal-Kap16 li jiddisponi li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tiddekorri minn dak in-nhar li din l-azzjoni setghet tigi ezercitata. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni tal-atturi tista tintlaqa u b'hekk tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn, id-danni iridu jkun idderivaw minn culpa aquiliana u cioe` minn htija mhux kontrattwali, jew htija li tkun konsegwenza ta' reat. F'din il-kawza ma tirrizultax xi relazzjoni ex contractu bejn l-attur Mario Coleiro u s-socjeta' konvenuta u lanqas ma jirruizulta li kien hemm xi reat. Konsegwentement l-imsemmi artikolu hu applikabbli u kwindi l-preskrizzjoni ta' sentejn hi ukoll applikkabbli.

Mill-provi jirrizulta illi l-azzjoni tas-socjeta konvenuta fil-konfront taz-zewg atturi setghet tigi ezercitata hafna zmien qabel li saret il-presenti kontro-talba. B'mod specifiku l-kawza kontra l-attur Mario Coleiro setghet saret

mill-inqas fil-1989 u cioe’ minn meta l-istess attur, bhala direttur tas-socjeta` konvenuta, ma resaqx izjed ghax-xoghol, u dan kif jirrizulta mill-prospett li gie esibit mill-istess socjeta’ attrici (fol.48) u minn dak li qal fix-xhieda tieghu direttur iehor tas-socjeta’ konvenuta, cioe’ John Coleiro (fol.36) li kkonferma li l-attur Mario Coleiro ma baqax jidhol ghax-xoghol fil-1989 kawza li kien sofra attakk f’qalbu. Il-kawza kontra l-attrici Pearl Coleiro setghet saret minn dak in-nhar li gie ottjenuta l-ordni tal-Qorti lamentata mis-socjeta’ konvenuta u cioe’ snin qabel ma saret il-presenti kontro-talba. Ghalhekk jirrizulta li ghaddew hafna iktar minn sentejn minn mindu s-socjeta konvenuta setghet tagixxi ghad-danni kontra z-zewg atturi qabel ma ppresentat din il-kontro-talba. Konsegwentement il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta ghandha titqies li hi preskritta ai termini tal-artikolu citat mill-atturi. F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Settembru 2010, fil-kawza fl-ismijiet “Il-Bajja Limited vs Inna Korelova nomine et.”

In vista tal-premess ghandha tintlaqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 kif sollevata mill-atturi. La darba ser tigi akkolta din l- eccezzjoni preliminari m’hemmx lok li jigi esaminat u trattat il-mertu tal-kontro-talba.

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi fl-ewwel lok billi tilqa l-eccezzjoni prliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-atturi kwantu ghal-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta u b’hekk tichad l-istess kontro-talba u fl-istess rigward tillibera l-atturi mill-osservanza tal-gudizzju. Tiddeciedi bill-fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u fl-istess hin tilqa t-talbiet tal-atturi u tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-omma ta` tnjen u sittin elf u erba mitt lira maltija (Lm62400) ekwivalenti ghal euro mija u hamsa u erbghin elf tlett mija u tnejn u hamsin u disghin centezmu (€145352.90) rapprezentanti d-debitu li s-socjeta’ konvenuta kellha mal-Mid-Med Bank Limited, illum HSBC Bank Malta p.l.c. u liema dejn thallas mill-atturi skond il-

kuntratt tad-19 ta` Awissu 1997 u dana bl-imghaxxxijiet kollha legali u kummercjali mid-data tal-istess kuntratt sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------